*-sindakar ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku*

*-tkeċċija t'għalliem li safa mingħajr warrant*

*-test of reasonableness*

*-limiti tas-setgħat tal-Qorti f'azzjonijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Seduta tat-3 t'Ottubru, 2019.**

**Rikors Ġuramentat Nru 188/17GM**

Charles Cini ID29271G

vs

Il-Prim Ministru

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku

Il-Qorti,

Rat it-Talba Maħlufa tal-attur ippreżentata fit-28 ta' Frar 2017 li permezz tagħha wara li ppremetta:

1. Illi r-rikorrent għadda minn proċeduri quddiem il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema, fejn huwa gie investigat minħabba allegata mġieba professjonali ħazina, negliġenza serja u inkompetenza f'xogħlu bħala għalliem u dana ai termini tal-Artikolu 31 tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

2. Illi fi tmiem din l-investigazzjoni l-imsemmi Kunsill ikkonkluda illi l-imġieba tar-rikorrent kienet tammonta għal imġieba professjonali ħazina u inkompetenza ai termini tal-Artikolu 31(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, u irrakkomanda lill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol li titħassar il-warrant numru 5748 tar-rikorrent skond l-Artikolu 31(4) tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

3. Illi in segwitu għal din ir-rakkomandazzjoni r-rikorrent fil-5 ta' Diċembru 2015 irċieva ittra (**Dokument 'A'** anness) mingħand il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema f'Malta, liema ittra kienet datata l-1 ta' Diċembru 2015, li kienet taqra hekk: '*Following the findings of the inquiry, the Council for the Teaching Profession informs you that the Hon Minister for Education and Employment has confirmed the Council's recommendation that your teacher's permanent warrant (number 5748) be revoked and this with effect from 22$^{nd}$ October 2015.*

*In accordance with article 31(2) of the Education Act you are hereby being informed that you are no longer qualified to retain a teacher's warrant, and this in accordance with the provisions of article 31(2) of the Education Act, Chapter 327 of the Laws of Malta. You are to return your teacher's permanent warrant (5748) to the offices of the Council for the Teaching Profession Directorates of Education, Great Siege Road, Floriana*';

4. Illi r-rikorrent fetaħ proċeduri ġudizzjarji (kawza numru 348/2016MCH fl-ismijiet *Charles Cini vs Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol et*) li permezz tagħhom huwa qiegħed jitlob fost l-oħrajn it-tħassir tad-deċizjoni tal-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol li permezz tagħha ġiet ordnata r-revoka tal-warrant tiegħu ta' għalliem numru 5748, u dan minħabba diversi raġunijiet kif elenkat fir-rikors ġuramentat numru 348/2016MCH li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa bħala **Dokument 'B'**;

5. Illi l-proċeduri msemmija numru 348/2016MCH għadhom pendenti;

6. Illi sussegwentement, u preċizament b'ittra tat-28 ta' Settembru 2016 (**Dokument 'C'** hawn anness), ir-rikorrent ġie infurmat li fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Għas-Servizz Pubbliku il-Prim Ministru fil-31 ta' Awissu 2016 kien approva r-revoka tal-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol;

7. Illi b'hekk l-esponent spiċċa effettivament imkeċċi u bla xogħol;

8. Illi r-rikorrent bagħat diversi ittri wara din l-aħbar fejn talab li tiġi mħassra d-deċizjoni tal-Prim Ministru li jirrevokalu l-ħatra tiegħu ta' għalliem (ara inkartament anness u immarkat **Dokument 'D'**), izda għad li irċieva xi risposti (ara inkartament anness bħala **Dokument 'E'**) id-deċizjoni tal-Prim Ministru baqgħet ma tbiddlitx;

9. Illi d-deċizjoni tal-Prim Ministru tal-31 ta' Awissu 2016 kienet prematura għall-aħħar billi ittieħdet meta għad hemm pendenti proċeduri ġudizzjarji li jittrattaw propju r-revoka tal-*warrant* tar-rikorrent u għalhekk jekk ir-rikorrent ikollu suċċess f'dawk il-proċeduri (jigifieri kawza numru 348/2016MCH) ikun ifisser illi r-revoka tal-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem tkun saret inġustament u inutilment;

10. Illi inoltre fir-rakkomandazzjoni tagħha l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku irrakkomandat l-aktar mizura drastika li setgħet tittieħed fil-konfront tar-rikorrent, li ċertament ma kienx hemm lokha fiċ-ċirkostanzi, u l-Prim Ministru għadda biex jadotta dik ir-rakkomandazzjoni drakonjana u effettivament irrevoka l-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem;

11. Illi r-revoka tal-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem tidher li saret ai termini tar-regolament 23(2)(d) tar-Regolamenti tal-1960 dwar il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li kienu jipprovdu illi jkun hemm lok għal tali revoka jekk 'the appointee is not, or is no longer, permitted by law to carry out the duties of his office, or no longer holds the qualifications which constituted eligibility requirements for the office';

12. Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-imsemmija Regolamenti ma kienux għadhom aktar fis-seħħ fil-mument meta ttieħdet id-deċizjoni mill-Prim

Ministru u għalhekk ma setgħux jiġu applikati fil-konfront tar-rikorrent regoli li ma kienux għadhom aktar fis-seħħ, u għalhekk id-deċizjoni tal-Prim Ministru kif ukoll ir-rakkomandazzjoni tas-Servizz Pubbliku huma nulli, invalidi u mingħajr ebda effett;

13. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost mhux minnu li r-rikorrent huwa prekluż mil-liġi li jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala għalliem u mhux minnu li ma għandux kwalifiki li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibilita' għal dan ix-xogħol;

14. Illi apparti li r-rikorrent jibqa' jsostni li l-*warrant* ta' għalliem ma kellha qatt titħassarlu (u dan hu l-mertu tal-proċeduri numru 348/2016MCH), l-esponent jirrileva illi xorta waħda, anke mingħajr *warrant*, huwa la huwa prekluż mil-liġi li jibqa' jżomm il-kariga tiegħu ta' għalliem u lanqas huwa nieqes mill-kwalifiki ta' eliġibilita' għall-istess kariga, u dan fost l-oħrajn billi huwa għandu kwalifiki mill-Universita' ta' Malta li bihom biss ukoll jikkwalifika biex iżomm il-kariga li kellu, jiġifieri anke mingħajr il-warrant ta' għalliem;

15. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost in kwantu jidher li l-intimati qiegħdin jinvokaw l-Artikolu 32(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni bħala r-raġuni għalfejn ipproċedew biex irrevokaw il-ħatra tiegħu ta' għalliem minkejja illi l-validita' o meno tal-*warrant* tiegħu ta' għalliem għadha *sub iudice*, ir-rikorrent isostni illi dan l-Artikolu mhux applikabbli għall-kaz tar-rikorrent u għalhekk ma seta' qatt jifforma l-bazi ta' deċizjoni dwar ir-revoka o meno tal-ħatra tiegħu bħala għalliem fi ħdan is-servizz pubbliku jew fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol;

16. Illi jirrizulta għar-raġunijiet kollha suesposti illi d-deċizjoni tal-Prim Ministru li jirrevoka l-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem kienet waħda irraġjonevoli, ultra vires, abbuziva, illegali, imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti, u meħuda bi ksur u vjolazzjoni tal-liġi, inkluz billi ġew applikati kontra r-rikorrent regoli li ma kienux in vigore fiz-zmien tal-istess deċizjoni u li fi kwalsijasi kaz ma kienux japplikaw għar-rikorrent;

17. Illi l-istess jingħad għar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li ppreċedietha;

18. Illi billi r-rikorrent ġie trattat b'mod differenti minn persuni oġra li ukoll jokkupaw karigi ta' għalliema mingħajr ma għandhom *warrant* ta' għalliema, id-deċizjoni hawn impunjata ittieħdet ukoll b'diskriminazzjoni kontra r-rikorrent bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meħud in kunsiderazzjoni flimkien mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

19. Illi bir-revoka tal-ħatra tiegħu ta' għalliem ir-rikorrent ġie zvestit ukoll minn possediment tiegħu u dan bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, stante illi l-ħatra tiegħu ta' għalliem tikkwalifika bħala possediment u tintitolah ukoll għal benefiċċji materjali bħal ma huma l-paga u bonuses relattivi;

20. Illi inoltre r-rikorrent ma ngħata ebda opportunita' li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku qabel tittieħed id-deċizjoni mill-Prim Ministru u

b'hekk huwa ma kellux smigħ xieraq anzi ma kellu l-ebda smigħ u dan anke bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

21. Illi r-rikorrent lanqas kellu possibilita' jappella mid-deċizjoni tal-Prim Ministru li jirrevokalu l-ħatra tiegħu ta' għalliem u dan ukoll bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

22. Illi b'konsegwenza ta' dan kollu d-deċizjoni li tiġi revokata l-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem ittieħdet ukoll bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

23. Illi l-vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fuq imsemmija jikkostitwixxu ukoll għemil amministrattiv null, invalidu u mingħajr effett;

24. Illi dan kollu ikkaġuna lir-rikorrent dannu morali, tensjoni u pressjoni psikoloġika qawwija, u r-rikorrent sofra ukoll danni materjali kaġun tad-deċizjoni msemmija, inkluz billi spiċċa mingħajr salarju u għalhekk qiegħed jissubixxi telf ta' qligħ kbir;

25. Illi għalhekk ir-rikorrent jissottometti illi rimedju effettiv f'dan il-kaz għandu jikkonsisti fit-tħassir tad-deċizjoni *de quo*, u fil-likwidazzjoni ta' kumpens adegwat bħala dannu morali u bħala kumpens għad-diversi vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent, u ħlas ta' danni;

26. Illi minkejja li l-intimati ġew debitament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali (ara Dokument 'F' anness) sabiex titħassar id-deċizjoni tal-

Prim Ministru li biha ġiet revokata l-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem, dawn baqgħu inadempjenti;

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku sabiex tiġi revokata tal-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, kif ukoll id-deċizjoni tal-Prim Ministru tal-31 ta' Awissu 2016 li fuq tali rakkomandazzjoni jirrevoka l-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, kif komunikati lir-rikorrent b'ittra datata 28 ta' Settembru 2016 u hawn annessa bħala Dokument 'C', kienu irraġjonevoli, ultra vires, abbuzivi, illegali, imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti, u meħuda bi ksur u vjolazzjoni tal-liġi, inkluz billi ġew applikati kontra r-rikorrent regoli li ma kienux in vigore fiz-zmien tal-istess deċizjoni u/jew li ma kienux japplikaw għar-rikorrent, u jikkostitwixxu għemil amministrattiv leziv tal-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew jikkostitwixxu għemil amministrattiv ultra vires, kif sejjer jiġi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

2. Konsegwentement tiddikjara l-imsemmija rakkomandazzjoni u deċizjoni, kif komunikata lir-rikorrent bl-ittra datata 28 ta' Settembru 2016 annessa bħala Dokument 'C', bħala nulla, invalida u mingħajr ebda effett fil-liġi;

3. Konsegwentement tħassar u tirrevoka r-rakkomandazzjoni u d-deċizjoni fuq imsemmija u tordna r-reintegrazzjoni tar-rikorrent fil-ħatra tiegħu ta' għalliem fi

ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ossija fi ħdan is-Servizz Pubbliku;

4. Tiddikjara li r-rikorrent sofra danni per konsegwenza tar-rakkomandazzjoni u deċizjoni fuq imsemmija;

5. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrent;

6. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrent;

7. Tiddikjara illi bl-imsemmija rakkomandazzjoni u deċizjoni ġew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taħt l-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew u l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni u/jew l-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni meħud flimkien ma' xi wieħed jew aktar mill-Artikoli l-oħra sostantivi appena msemmija (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni) u konsegwentement tagħtih dawk ir-rimedji opportuni u neċessarji sabiex huwa jiġi pjenament rejintegrat fid-drittijiet fondamentali tiegħu, inkluz billi tħassar u tirrevoka r-rakkomandazzjoni u deċizjoni fuq imsemmija u tillikwida kumpens u danni favur ir-rikorrent u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom għall-ħlas tal-istess;

8. Tagħti lir-rikorrent kull rimedju ieħor xieraq u opportun a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra uffiċjali li kopja tagħha tinsab annessa bħala Dokument 'F', u b'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent in konnessjoni mad-deċizjoni surreferita inkluz għal kwalsijasi danni oħra sofferti minnu naxxenti mill-fatti kif dikjarati f'dan ir-rikors ġuramentat;

Rat ir-Risposta Ġuramentata ppreżentata mill-Onorevoli Prim Ministru, Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku li taqra hekk:

**<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>**

1. Illi preliminarjament jingħad illi l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku mhumiex leġittimi kontraditturi fil-kawza odjerna *stante* illi r-revoka tal-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem fil-ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ittiħdet mill-esponenti Onorevoli Prim Ministru fi-31 ta' Awissu 2016 fuq rakommandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku. Illi a bazi tal-Artikolu 181(B) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta, il-kap tad-dipartiment tal-gvern li huwa inkarigat fil-materja in kwistjoni ċertament mhuwiex il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u lanqas il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku *stante* li din il-funzjoni kienet taqa' taħt l-Onorevoli Prim'Ministru. Għaldaqstant ma kien jezisti l-ebda bzonn illi l-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jiġu imħarrkin bħala intimati fil-proċeduri odjerni;

2. Illi l-esponenti jeċepixxu ukoll l-improponibilita' tal-azzjoni in kwantu r-rikorrent ma indikax taħt liema artikolu tal-liġi qed jibbaza l-azzjoni tiegħu;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent donnu qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu abbazi tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs qiegħed jallega illi id-deċizjoni meħuda mill-esponenti tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, speċifikament dawk protetti mil-liġi taħt l-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-artikolu 1 ta' l-ewwel protokoll tal-istess konvenzjoni u/jew l-artikolu 14 tal-istess konvenzjoni meħud mal-artikoli msemmija u l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fid-dawl ta' dawn l-artikli, ir-rikorrent qed jitlob illi titħassar ir-rakomandazzjoni u d-deċizjoni surreferita u tillikwida danni u kumpens favur l-istess rikorrent. Konsegwentement:

    i. It-talbiet tar-rikorrenti m'humiex proponibbli *stante* illi r-rikorrenti qatt ma jista' jintavola kawza għall-stħarrig ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u fl-istess nifs jitlob illi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ġew lezi abbazi tal-artikli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea.

    ii. Ċertament din il-Qorti kif vestita fil-Gurisdizzjoni tagħha Ċivili għandha l-jedd **semmai** li tisma' lanzjanza ta natura' dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva imma qatt ma tista' taqta u tiddeċiedi illi xi drittijiet fundamentali ta' persuna ġew lezi stante illi din il-funzjoni tispetta bil-liġi lil-Qrati li għandhom funzjoni ta' natura Kostituzzjonali.

iii. In kwantu l-proċeduri odjerni mhumiex proċeduri istitwiti a tenur tal-Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (1) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċiedi dwar ilmenti dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali.

4. L-esponenti jeċepixxu illi din l-azzjoni hija improponibbli stante illi dak mitlub imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' t-talba kif proposta mir-rikorrent u ċioe' ma tistax tezamina ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u konsegwentement r-revoka tal-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem fil-ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xoghol magħmula mill-Onorevoli Prim' Ministru u dan peress illi l-Qrati kollha inkluż din l-Onorabbli Qorti huma preklużi mill-Kostituzzjoni ta' Malta milli jiddeċiedu dwar dan. Din l-eċċezzjoni qed tingħata fid-dawl ta' dak li jistipulaw l-Artikolu 110 kif ukoll l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

5. Illi fid-dawl tal-eċċezzjoni preliminari preċedenti l-esponenti jagħmel referenza għall-artikolu 23(2) tal-Public Service Commission Regulations 1960 (S.L. Const. 01) fejn jipprovdi illi:

> *"Provided that before it recommends the revocation of an appointment under this sub-regulation, the Commission shall notify the appointee and give him the opportunity to submit representations either personally and, or through his representative"*

Illi l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku permezz ta' ittra datata 16 ta' Diċembru 2015 (hawnhekk annessa u mmarkata bhala Dok 'KSP 1') mibgħuta lir-rikorrenti infurmatu bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrakomanda r-revokata tal-ħatra tiegħu bħala għalliem. Fl-istess ittra l-Kummissjoni ai termini tal-artikolu ċitat infurmat lir-rikorrent illi huwa kellu ħamest tijiem mid-data tal-istess ittra sabiex jressaq l-ilmenti tiegħu. Illi permezz tal-ittra tas-17 ta' Mejju 2016 (hawnhekk annessa u mmarkata Dok 'KSP 2') il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku reġat tat l-opportunita' lir-rikorrenti sabiex jressaq l-ilmenti tiegħu u dan kollu ai termini tal-ligi. Illi għalhekk filwaqt illi l-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku tat kull opportunita' lir-rikorrenti sabiex jressaq l-ilmenti tiegħu, u l-istess rikorrenti tramite ir-rapprezentant legali tiegħu uzufruwixxa minn tali opportunitajiet', jingħad illi r-rikorrenti ezawrixxa r-rimedju ordinarju li jispetta lilu bil-liġi. Konsegwentement ġialadarba r-rikorrenti ezawrixxa r-rimedju li kien jispetta lilu, ma jistgħax issa jressaq l-ilmenti meta huwa prekluz mil-liġi milli jagħmel dan.

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

1. Illi ***dato ma non concesso*** li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158 (3) (ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi fir-rigward tar-regolamenti tal-1960 dwar il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jingħad illi dawn ir-regolamenti kienu ghadhom *in vigore* meta r-rikjesta lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għar-revoka tal-warrant surreferit kienet saret fit-27 ta' Novembru 2015;

4. Illi fir-rigward tar-regolamenti tal-1960 dwar il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku jingħad ukoll illi ir-regolament 37 ta' l-avviz legali 333 tal-2015 jitkellem dwar ir-revoka tar-regolamenti 1960 u jipprovdi illi:

*"37.*

*(1) The 1960 Regulations shall be revoked.*

*(2) Any selection processes which have been commenced under and in accordance with the provisions of the 1960 Regulations shall be continued and completed under and in accordance with the said provisions as if they had not been revoked,* ***and any petitions arising from such selection processes shall also be considered and resolved under the said provisions*** **(Sottolinjar tal-esponenti)"**

*"1.*

*(1) The title of these regulations is Public Service Commission Appointments Regulations, 2015.*

*(2) These regulations shall come into* ***force on the 1st February 2016****."*

Għalhekk jingħad illi mentri ir-rikjesta sabiex tiġi revokata il-ħatra tal-kariga ta' għalliem saret fis-sena elfejn u hmistax (2015) u l-avviz legali 333 tal-2015 gie in forza fl-ewwel (1) ta' Frar 2016, ir-regolamenti tal-1960 dwar il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku ċertament kienu in vigore meta ttieħdet tali rakkomandazzjoni;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fi kwalunkwe kas ir-revoka tal-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem ġiet notifikata lilu permezz ta' ittra datata 28 ta' Settembru 2016 fejn ġie rilevat illi tali revoka saret ai termini tal-artikolu 23 (2) (d) tar-regolamenti tal-1960 dwar il-kummissjoni għas-Servizz Pubbliku *stante* illi '*the apointee is not, or no longer, permitted by law to carry out the duties of his office, or no longer holds the qualification which constituted an eligibility requirement for the office'*. Jigi rilevat illi permezz ta' avviz legali 333 tal-2015, kif emendata bl-avviz legali 54 tal-2016, l-artikolu 32 (2) (d) li jgib l-isem ta' *'Power of the Commission to recommend the revocation of appointment'* fil-ligi sussidjarja ***Const.05*** bl-isem '***Public service commission appointments regulations'*** jipprovdi l-istess diċitura tal-liġi surreferita fl-artikolu 23 (2) (d) tar-regolament tal-1960 dwar il-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fis-sens illi:

> *32.(1) Notwithstanding any other provision of these regulations or of any other regulations made under article 121*
> *of the Constitution, the Commission may recommend the revocation*
> *of an appointment made under article 110 of the Constitution if*
> -
> *(d) the appointee is not, or is no longer, permitted by law to carry out the duties of his post, or no longer holds a qualification which constituted an eligibility requirement for the post;*

6. Illi għaldaqstant peress illi l-artikolu li ġie indikat fl-ittra surreferita wara r-rikjesta li saret lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku għar-revoka tal-warrant surreferit fil-konfront tar-rikorrent inbidel, id-diċitura tal-artikolu 32 (d) tal-ligi sussidjarja const.05 li ma daqqa t'għajn jidher li huwa identiku ghal dak l-artikolu 23 (2) (d) tar-regolamenti tal-1960 dwar il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, huma wiehed u l-istess artikolu applikabbli, fis-sens illi r-revoka għal-ħatra tal-għalliem magħmula mill-Onorevoli Prim' Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku saret abbazi tal-istess rekwiziti;

7. Illi għalhekk jingħad illi l-imsemmija regolamenti kienu dejjem fis-seħħ minn meta ttieħdet id-deċizjoni mill-Onorevoli Prim' Ministru u għaldaqstant setgħu jiġu applikati fil-konfront tar-rikorrent. Għaldaqstant id-deċizjoni tal-Prim' Ministru kif ukoll ir-rakomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku hija waħda valida fil-liġi;

8. Illi fir-rigward dwar l-eliġibilita' tal-kariga tar-rikorrent bħala għalliem, l-esponenti jibgħu jinsistu illi din id-diskrezzjoni taqa' taħt il-funzjoni tal-Prim' Ministru ai termini tal-artikoli 110. Tali konsiderazzjonijiet ma jistgħux jiġu ezaminati minn l-ebda Qorti hekk kif tipprovdi il-Kostituzzjoni ta' Malta, wisq anqas għandhu r-rikorrenti jippretendi illi jissindika jew jissuġġerixxi x'deċizjoni kellhu jieħu l-Onorevoli Prim' Ministru abbazi tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku;

9. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ġialadarba r-rikorrenti ma baqax jzomm il-warrant ta' għalliem, id-deċizjoni li ttieħdet mill-esponenti hija waħda ġusta propju għaliex ir-rikorrenti qatt ma setgħa jippratika l-kariga ta' għalliem mingħajr ir-rekwiziti surreferiti;

10. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti qatt ma ippronuncjaw ruħhom fuq il-kwalifiki akkademiċi tar-rikorrent u m'għandhom l-ebda interess li jagħmlu dan. Jingħad biss pero illi l-fatt illi r-rikorrent għandu kwalifiki mill-Universita' ta' Malta huwa xorta waħda ġie prekluz bit-tneħħija tal-warrant milli jippratika l-professjoni ta' għalliem u għaldaqstant l-esponenti umilment jaddixxu lill din l-Onorabbli Qorti biex tgħaraf illi l-kwalifiki akademiċi tar-rikorrent waħedihom qatt ma jistgħu jitqiesu bħala kwalifiki validi għall-eliġibilita' tal-istess kariga ta' għalliem;

11. Illi r-rikorrent gie mgħarraf bir-raġunijiet għar-revoka tal-kariga ta' għalliem permezz ta ittri datati 16 ta' Dicembru 2015 u 17 ta' Mejju 2016 kif ukol l-ittra ta' 28 ta' Settembru 2016. Illi di piu', ir-rakomandazzjoni tal-Kummissjoni saret abbazi tal-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni fejn qabel ma tat tali rakkomandazzjoni għarfet lir-rikorrent bl-intenzjoni tagħha, u tat lil-istess kull opportunita' xierqa li jipprezenta il-lanzjanzi tiegħu. Il-lanzjanzi tiegħu gew kkunsidrati mill-Kummissjoni fil-15 ta' Dicembru 2015 u 2 ta' Gunju 2016 u dan kif spjegat fl-ittra datata 31 ta' Ottubru 2016 (annessa fir-rikors ġuramentata bħala dok 'Dok E');

12. Illi l-Kummissjoni għas-Servizz pubbliku ma sabet l-ebda raguni valida għalfejn kellha izzomm ir-revoka tal-kariga ta' għalliem tar-rikorrent pendenti. L-esponenti ġiustament ikkunsidraw illi ġialadarba l-warrant

tar-rikorrenti gie revokat u mingħajr tali warrant huwa ma kienx awtorizzat li jippratika l-professjoni ta' għalliem, pproċedew biex jisollevah mill-istess kariga;

13. Illi għaldaqstant id-deċizjoni tal-Onorevoli Prim' Ministru li jirrevoka l-ħatra tar-rikorrent bħala għalliem kienet waħda raġonevoli, intra vires, mhux abbuziva, legali u imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti u għalhekk ma seħħ l-ebda ksur jew vjolazzjoni tal-liġi fuq din il-vertenza;

14. Illi fir-rigward tal-lanzjani għad-drittijiet Fundamentali tal-bniedem, l-esponenti gja rrilevaw estensivament illi din il-Qorti m'għandiex tikkonsidra dawn il-lanzjani u dan minhabba ir-raġunijiet surreferiti fl-eċċezzjonijiet preliminari. Madanakollu l-esponenti jekk għal grazzja tal-argument, ***dato ma non concesso***, jagħmlu ezamina ta' dawn il-lanzjanzi jiġi rilevat illi:

i. Fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ċioe d-dritt għas-smiegh xieraq, jiġi rilevat illi l-esponenti taw kull opportunita' lir-rikorrenti illi jressaq l-ilmenti tiegħu fir-rigward tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubblikuu ssugwentement wara id-deċizjoni tal-Onorevoli Prim' Ministru. Għaldaqstant tali allegat ksur certament qatt ma seħħ.

ii. Fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u ċioe il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, l-esponent jisottometti li r-rikorrenti jrid juri li huwa ġie trattat b'mod zvantaġatt meta nqabbel ma persuni fl-istess sitwazzjoni tiegħu.

Illi fi kwalunwke kas ma saret l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent *stante* illi l-esponenti applikaw rigorozament dak li tirrikjedi il-Kostituzzjoni fiċ-ċirkostanzi odjerni.

iii. Fir-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ċioe il-protezzjoni minn privazzjoni ta' propjeta' jingħad illi l-ħatra tar-rikorrent għal-kariga ta' għalliem ċertament ma tinkwadrax taħt propjeta' izda semmai kien jaqa taħt id-definizzjoni ta' impjieg mas-Servizz Pubbliku. Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar teħid forzjuz ta' propjeta'. Illi mill-fatti tal-kaz odjern ser jirrizulta li ma sar l-ebda teħid forzjuz tal-propjeta' tar-rikorrent.

15. Illi għar-rġunijiet suesposti u kif ħa jiġi trattat fil-*mori* ta din il-kawza, l-esponenti ċertament idderigaw ruħhom b'mod korrett meta ħadu id-deċizjoni mertu ta' din il-kawza u għaldaqstant tali deċizjoni għandha tiġi kkonfermata minn din l-Onorabbli Qorti;

Rat is-sentenza *in parte* tagħha, diversament ippreseduta, tas-16 ta' Jannar 2018 li permezz tagħha ċaħdet it-tieni eċċezzjoni;

Rat illi l-istess sentenza għalkemm ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti tan-nullita` tar-rikors promotur, iddeċidiet li din il-kawża titkompla abbażi esklussiva ta' azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju:

“Illi fil-każ tal-eċċezzjoni taħt eżami, l-imħarrkin iqisu li l-azzjoni “ordinarja” ta’ stħarriġ ġudizzjarju u dik straordinarja ta’ lment dwar ksur ta’ jedd fundamentali ma jmorrux flimkien. Il-Qorti tifhem dan l-argument u tqis li l- Qrati tagħna diġa’ stħarrġu l-kwestjoni u kienu ġeneralment ċari dwarha. Il- Qorti taqbel li f’azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 il-ksur li jista’ jkun hemm taħt il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta ma jirriferix għal ksur ta’ xi wieħed mid-drittijiet maħsuba fil-Kapitolu IV tal- istess, imma għal xi ksur ta’ xi dispożizzjoni oħra tal-istess Kostituzzjoni. Fl- istess waqt, madankollu, il-fatt li parti attriċi tressaq ilment ta’ ksur ta’ jedd fundamentali f’azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju ma jwassalx għas-sejbien li l-azzjoni ma tiswiex, jekk kemm-il darba t-talbiet ikunu (bħalma sar f’dan il-każ) saru b’mod li l-waħda tingħaraf mill-oħra. Ladarba l-Qorti tista’ tqis l-azzjoni bħala waħda ta’ stħarriġ ġudizzjarju u tipprovdi għal talbiet li joqogħdu ma’ dik l-għamla ta’ kawża, ma titnissilx in-nullita’ insanabbli ta’ azzjonijiet li ma joqogħdux ma’ xulxin. U l-fatt li l-Qorti ma tqisx talbiet f’azzjoni “ordinarja” li tista’ tqishom biss f’azzjoni “straordinarja” ta’ lment ta’ ksur ta’ jedd fundamentali ma jġibx, fil-fehma tal-Qorti, in-nuqqas ta’ siwi tal-azzjoni kollha mibdija, jekk kemm-il darba jitħarsu ċ-ċirkostanzi li għadhom kemm issemmew;

“Illi l-Qorti, fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, ma ssibx li t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin għandha tintlaqa’ jekk biha wieħed jifhem li l-azzjoni attriċi kollha hija milquta b’nullita’, u li għaldaqsant din il-Qorti m’għandhiex tiġi mwaqqfa milli tkompli bis-smigħ tal-kawża safejn din hija strettament waħda ta’ stħarriġ ġudizzjarju”;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat d-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-fatti:**

1) L-attur huwa gradwat mill-Universita` ta' Malta bil-baċellerat fil-Kummerċ u PGCE (Post Graduate Course in Education). Huwa kiseb il-warrant ta' għalliem, u ħadem f'dan il-qasam għal madwar tnejn u għoxrin (22) sena.

2) Fi Frar tal-2013, id-Direttur Ġeneral tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi ressqet rapport lill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Għalliema (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kunsill") sabiex tinvestiga xilja ta' mġieba mhux xierqa u nuqqasijiet tal-ħila fl-għoti tat-tagħlim min-naħa tal-attur.

3) L-attur intalab jersaq quddiem il-Kunsill u f'Rapport li jġib id-data tat-22 ta' Ottubru, 2015, il-Kunsill għadda s-sejbiet tiegħu permezz ta' rapport u rrakkomanda lill-Ministru mħarrek sabiex iqis jekk kellux jirtira u jħassar il-warrant tal-attur bħala għalliem minħabba n-nuqqasijiet li irriżultaw. Kopja tas-sejbiet tal-Kunsill intbagħtet lill-Ministru mħarrek permezz ta' korrispondenza li ġġib l-istess data. L-attur ingħata kopja tar-rapport ukoll.

4) Il-Ministru mħarrek laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, u permezz ta' korrispondenza li ġġib id-data tal-1 ta' Diċembru, 2015, l-attur ġie mgħarraf li kien tilef il-*warrant* ta' għalliem b'seħħ mit-22 ta' Ottubru, 2015. Din id-deċiżjoni ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Diċembru, 2005.

5) Billi tilef il-*warrant*, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-ħatra tiegħu ta' għalliem tiġi revokata *ai termini* tal-Regolament 23(2)(d) tal-*Public Service Commission Regulations* tal-1960.

6) Fis-16 ta' Diċembru, 2015, il-Kummissjoni mħarrka bagħtet tgħarraf lill- attur

bid-deċiżjoni meħuda dwaru u li ismu kien se jitħassar mir-Reġistru uffiċjali tal-Għalliema u li se jingħata xogħol bħala uffiċjal pubbliku fi Skala 7 u jwettaq dmirijiet li jaqblu mas-salarju tiegħu f'dak il-grad. L-ittra kienet tistieden lill-attur iressaq fehemtu fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol lill-Kummissjoni dwar dak li kienet qiegħda tirrakkomanda. L-attur ilmenta mal-Kummissjoni b'ittra tiegħu tal-21 ta' Diċembru, 2015, dwar aġir mhux xieraq min-naħa tal-Kunsill.

7) Fl-14 ta' April, 2016, l-attur ressaq ittra uffiċjali kontra l-Ministru mħarrek, il-President tal-Kunsill u kontra l-Avukat Ġenerali.

8) Fis-26 ta' April, 2016, l-attur fetaħ kawża (Rik.Gur. Nru 348/2016 MCH) quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta) kontra l-Ministru mħarrek u kontra Dr Mateja Farruġia fil-kwalita' tagħha ta' President tal-Kunsill u in rappreżentanza ta' l-istess fejn talab dikjarazzjoni li d-deċizjoni biex il-warrant tiegħu tiġi revokata kienet abbużiva billi huwa ġie mċaħħad mid-dritt li jappella minnha.

9) Fis-17 ta' Mejju, 2016, il-Kummissjoni mħarrka għarrfet lill-attur li, minn stħarriġ li għamlet, l-ilment tiegħu fil-konfront tal-Kunsill ma rriżultalhiex mistħoqq.

10) Fit-23 ta' Mejju 2016, l-avukat tal-attur wieġeb permezz ta' ittra[1] u fisser li kien tal-parir li minħabba proceduri ġudizzjarji pendenti dwar it-teħid tal-warrant, kien jixraq li r-revoka tal-ħatra ta' għalliem tiġi sospiża sakemm ikun hemm ġudikat dwar dan il-punt.

11) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni l-għala r-revoka tinżamm sospiża. Hija qieset li l-warrant kien waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħatra. Fl-eventwalita` li l-Qorti fil-kawża 348/2016 tħassar id-deċiżjoni dwar it-teħid tal-warrant, l-attur

[1] Dok CS2B

kien jiġi *re-instated* fil-grad ta' għalliem.

12) Ġara li l-Public Administration HR Office (PAHRO) ma sab l-ebda vakanza fi skala 7 u allura r-rakkomandazzjoni f'dan is-sens ma ġietx milqugħa mill-Prim Ministru. Għalhekk il-Kumissjoni ħarġet rakkomondazzjoni lill-Prim Ministru (176/2016) sabiex tiġi revokata l-ħatra ta' għalliem biss. Il-Prim Ministru laqa' din ir-rakkomandazzjoni fil-31 t'Awwissu 2016.

13) B'ittra tat-28 ta' Settembru 2016[2] Mary Scicluna , Direttur tar-riżorsi umani fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol infurmat lill-attur bid-deċiżjoni msemmija. Fid-29 ta' Settembru l-attur xorta waħda rrapporta għax-xogħol iżda s-surmast infurmah li ma kellux għalfejn jirrapporta għax-xogħol iktar.

14) Fis-6 t'Ottubru 2016 l-attur, permezz t'avukat ġdid, wieġeb li peress li qatt ma kien innotifikat bid-deċiżjoni tal-31 t'Awwissu 2016 tal-Prim Ministru u lanqas ingħata raġuni valida l-għala l-ħatra tiegħu ġiet revokata ma setax jappella minn dik id-deċizjoni. Ilmenta li r-regolamenti tal-1960 ma kinux għadhom fis-seħħ.

15) Fit-28 t'Ottubru 2016 il-konsulent legali tal-Ministru konvenut wieġbet li ġaladarba t-talba għar-revoka tal-ħatra saret fis-27 ta' Novembru 2015, ir-regolamenti in kwistjoni kienu għadhom fis-seħħ. Barra minn hekk, infurmat lill-attur li Art. 32(2) Kap 327 jistipula li warrant jitqies sospiz jew ikkanċellat minkejja li jsir appell minn deċiżjoni fuq it-teħid tiegħu[3].

16) Fil-31 t'Ottubru 2016[4] l-avukat tal-attur ġie nfurmat li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-31 t'Awwissu 2016 ma kinitx sejra tiġi riveduta.

17) L-attur ippreżenta ittra uffiċjali fid-9 ta' Jannar 2017 li ġiet imwieġba fis-17

---

[2] fol 214
[3] dok D u E annessi mar-Rikors Guramentat
[4] Dok FM1

ta' Jannar 2017. Fit-8 ta' Marzu 2017 l-attur fetaħ din il-każ.

18) B'sentenza mogħtija fit-3 ta' Ottubru, 2017, din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet illi teżerċita s-setgħat tagħha li twettaq l-istħarriġ ġudizzjarju lilha mitlub billi sabet li l-attur kellu rimedju ordinarju disponibbli mogħti lilu mil-liġi, u naqas li jieħdu u dan billi l-attur kellu rimedju ordinarju disponibbli ai termini tal-Art. 32 tal-Kap. 327 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. L-attur appella mis-sentenza iżda l-appell għadu mhux appuntat.

Ikkunsidrat:

**Aspetti legali**

**1) leġittimazzjoni passiva tal-Ministru tal-Edukazzjoni**

Illi d-deċiżjoni li qed tiġi mpunjata ġiet meħuda mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Għalhekk il-Ministru tal-Edukazzjoni ma kellux x'jaqsam mal-istess deċiżjoni u konsegwentement ma jistax ikun leġittimu kontradittur;

**2) ir-raba' eċċezzjoni preliminari:**

Illi permezz tar-raba' eċċezzjoni preliminari, l-konvenuti jikkwerelaw is-sindakabilita` ta' rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni konvenuta. Din is-sindakabilita` iżda ġiet ammessa minn ġurisprudenza kopjuża;

**3) il-ħames eċċezzjoni preliminari:**

Illi din l-eċċezzjoni hija fis-sens li l-Kummissjoni mxiet mad-dispost tal-Art. 23(2) tal-PSC Regs. 1960 (S.L. Const. 0.1) li jipprovdi li qabel ma tirrakkomanda r-revoka ta' xi kariga, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-persuna kkonċernata u tagħtih l-opportunita` li jissottometti l-veduti tiegħu jew personalment inkella permezz ta' rappreżentant tiegħu. Dan fil-fatt sar permezz tal-ittra datata 16 ta' Diċembru 2015. L-attur użufruwixxa minn din l-istedina għalhekk ġaladarba eżawrixxa r-rimedju li kien jispetta lilu, ma jistax issa jressaq l-ilmenti tiegħu meta huwa prekluż mil-liġi milli jagħmel dan. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-fatt li l-attur ingħata l-opportunita` li jwieġeb lill-Kummissjoni, u li fil-fatt wieġeb m'għandux ifisser li b'daqshekk ingħalqulu l-bibien kollha t'opportunita` li jitlob l-istħarriġ ġudizzjarju. U kif diġa` ngħad fir-rigward tar-raba' eċċezzjoni preliminari, l-operat tal-Kummissjoni mhix insindakabbli;

**4) aġir abbużiv:**

Illi l-attur isejjes t-talba tiegħu li t-tkeċċija tiegħu kienet irraġonevoli, ultra vires, abbużiva, illegali, u bbażata fuq kunsiderazzjonijiet irrelevanti abbażi ta' dawn il-premessi:

**(4.1) li l-Kummissjoni straħet fuq regolamenti inapplikabbli**

Illi premessa ewlenija tal-ewwel talba tal-attur[5] hi li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet konsegwenzjali applikaw regoli li ma kinux għadhom fis-seħħ. Din l-asserzjoni pero` mhix fattwalment korretta. Ir-Regolamenti l-ġodda li għalihom jirreferi l-attur ġew fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2016.[6] Permezz ta' disposizzjoni transitorja, proċeduri li nbdew qabel u li kienu għadhom pendenti f'dik id-data kellhom jiġu riżolti skont ir-regolamenti l-antiki. Ir-rikjesta għar-revoka in kwistjoni saret fil-2015 u għalhekk m'hemmx dubbju li

[5] ara para. 11 u 12 tar-Rikors Guramentat a fol 2,3 tal-proċess
[6] avviz legali 333 tat-2016

r-regolamenti tal-1960 baqgħu applikabbli għaliha. Dan apparti li d-diċitura tar-regolamenti l-ġodda hija sostanzjalment l-istess. Għalhekk il-konvenuti ċertament li mxew tal-inqas skont il-liġi (*rite*);

(4.2) **it-tkeċċija hi bbażata fuq it-tneħħija tal-*warrant*; dan iżda mhux meħtieġ għal min jgħallem fi skola post-sekondarja bħall-attur**

Illi l-attur isostni li huwa għalliem fi skola post-sekondarja li ma tirrikjedix li jippossjedi l-warrant ta' għalliem. Dan il-fatt mhux ikkontestat mill-konvenuti. L-attur isostni li ġaladarba għandu l-kwalifiċi akkademiċi meħtieġa, meta l-Kummissjoni straħet fuq il-fatt tat-tneħħija tal-warrant, hija kienet qiegħdha tibbaża r-rakkomandazzjoni tagħha fuq kunsiderazzjoni għal kollox irrelevanti.

Illi b'danakollu, kif sewwa jissottomettu l-konvenuti, il-*warrant* kien rekwiżit essenzjali tas-sejħa għall-applikazzjonijiet tad-29 ta' Marzu 1994[7]. Kull min kien hekk ingaġġat, għamel dan soġġett għall-kundizzjoni li " jista' jiġi trasferit skond l-esiġenzi tas-servizz pubbliku" [8]. Il-konvenuti jkomplu jargumentaw li l-fatt li l-attur intbagħat jgħallem fi skola post-sekondarja huwa irrilevanti għaliex ma jbiddel xejn mill-obbligu tal-attur li jkun fil-pussess ta' warrant permanenti ta' għalliem. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dan is-sillogiżmu. Iżda dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti, f'din it-tip ta' proċedura u ċjoe` dik ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv u b'mod partikolari ta' tribunal imwaqqaf mill-Kostituzzjoni nnifisha, tissostitwixxi l-fehma tagħha għal dik milħuqa, tajjeb jew ħażin, mit-tribunal ikkonċernat. Fi kliem Lord Hailsam LC, "*two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable*"[9]. U fi kliem H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, [10] "*The Court must therefore resist the temptation to draw the bounds too tightly, merely according to its own opinion*". Din il-

[7] para 5(d)(i) f'dok CS-1
[8] Para 4 ibid.
[9] Re: W (an infant) 1971 AC 682 at 700
[10] Administrative Law, 11 ed. 2014, paġna 302

Qorti għalhekk ma tistax tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, b'mod li tinterpreta hi l-klawżoli rilevanti tal-kuntratt tal-ingaġġ tal-attur – bħalma tkun intitolata, anzi, obbligata, tagħmel fil-każ ta' nterpretazzjoni ta' kuntratt bejn żewġ partijiet privati, jew saħansitra anke bejn parti privata u l-Gvern jew awtorita' pubblika oħra, kemm-il darba l-kawża tkun waħda "ordinarja" u mhux waħda "straordinarja" taħt l-Artiklu 469A tal-Kap 12. L-interpretazzjoni tal-kuntratt u l-konsegwenzi tiegħu jaqgħu fid-dominju tal-Kummissjoni. Li trid tara l-Qorti hu jekk il-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha – podesta` mogħtija lilha mill-Kostituzzjoni, marritx *ultra vires* fis-sens wiesa tal-kelma għaliex xogħol din il-Qorti f'każijiet bħal dawn mhux li timmiskja ruħha fil-mertu tad-deċiżjoni "amministrattiva" imma li taċċerta ruħha li l-awtoritajiet pubbliċi ma jiskonfinawx mill-parametri tas-setgħat mogħtija lilhom mil-leġislatur. Jingħad li l-Qorti trid tara jekk ikunux aġixxew mhux biss "rite" (skont l-ittra tal-liġi) imma wkoll "recte", li jfisser li fid-deċiżjonijiet tagħhom dawn iridu jimxu skont l-intenzjoni tal-leġislatur li ma jista' ikun qatt preżunt li ried li dawn is-setgħat jiġu eżerċitati għal kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti għall-iskop tal-liġi inkella li ma jkunux raġonevoli. Imma f'dan il-kuntest, sabiex deċiżjoni tista' titqies "irraġonevoli" trid tkun "*so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority*"[11]. Qagħda li ma tistax tiġi attribwita lill-Kummissjoni fil-deċiżjoni li ħadet f'dan il-każ.

### (4.3) **Il-kawża dwar it-tneħħija tal-warrant għadha *sub judice***

L-attur jipremetti[12] li l-kawża dwar il-warrant għadha m'għaddietx in ġudikat u allura l-azzjoni tal-konvenuti kienet intempestiva. Din il-premessa hija legalment infondata. Artiklu 32(2) tal-Kap 327 jistipula li minkejja li jiġi ppreżentat appell

[11] hekk imlaqqma Wednesbury unreasonableness, ikkonfezzjonata minn Lord Greene MR in re: Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corportation (1948) 1 KB 223 at 229.
[12] Para 15 tar-Rikors Guramentat

minn deċiżjoni fuq teħid ta' warrant, il-warrant jibqa' sospiż jew ikkanċellat anke fil-pendenza tal-appell.

Illi kif sewwa jirrilevaw il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-attur għażel minn jeddu li ma jappellax quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jattakka t-teħid tal-*warrant*. Għalkemm fl-avvidavit tiegħu jallega li ma setax jappella billi kien għadda t-terminu meta ġie mgħarraf bid-deċiżjoni, dan mhux minnu għax it-terminu jibda jgħaddi biss minn meta ġie notifikat l-attur. Għalhekk l-attur intavola kawża "ad hoc" quddiem din il-Qorti minflok ai termini tal-Art. 32(2) tal-Kap 327 kapriċċ tiegħu u mhux għaliex m'hemmx is-salvagwardi meħtieġa quddiem tali Tribunal biex jingħata rimedju. Kjarament l-attur qiegħed jabbuża mill-proċeduri ġudizzjarji;

(4.4) **l-attur ma ngħatax l-opportunita` li jiddefendi ruħu u għalhekk hemm ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali**[13]

Illi din il-premessa hi manifestament żbaljata jekk mhux ukoll frivola. Kif jidher mill-espozizzjoni tal-fatti iktar 'il fuq f'din is-sentenza, f'kull stadju l-attur ingħata l-opportunita` li jiddefendi ruħu, u fil-fatt hekk għamel tramite l-avukati tiegħu. F'okkażjoni minnhom saħansitra ngħata terminu ieħor flimkien ma' dak mogħti mil-liġi biex jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu;

(4.5) **l-attur ġie ddiskriminat**

L-attur isostni li ġie ttrattat differenti minn għalliema oħra li jokkupaw kariga mingħajr m'għandhom *warrant*[14]. Dan jagħmlu a tenur tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni ta' din il-premessa in kwantu skont is-sentenza preliminari li tat din il-Qorti diversament ippreseduta, l-azzjoni hija limitata għal waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju;

[13] Para 20 tar-Rikors Guramentat a fol 4
[14] para 18 a fol 3

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(1) tilqa' in parte l-ewwel eċċezzjoni preliminari billi tillibera lill-konvenut Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol mill-osservanza tal-ġudizzju.

(2) tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari

(3) tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu enumerati 1 sa 13 u 15 fir-Risposta Guramentata

(4) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni f il-mertu enumerta numru 14 fl-istess Risposta Guramentata

(5) tiċħad it-talbiet tal-attur fil-konfront tal-konvenuti l-oħra, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA